MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 258/2014

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Brian Galea (K.I.265376M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Brian Galea (K.I.265376)**

**Vs**

**SeaBank Hotel & Catering Limited (C40319)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi qed jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elf mija u disa' ewro u disa' u sebghin ewro centezmi (€1,109.79c) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi in segwitu ta' incident illi sehh bejn is-16 u t-18 ta' Novembru, 2012, fil-*car park* tal-lukanda 'Seabank' fl-Ghadira limiti tal-Mellieha, meta likwidu illi qattar mis-saqaf tal-istess *car park* ikkawza tbajja u korrozjoni fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BPG 006 propjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici – u dan bi

traskuragni, imperizja u nuqqas ta' zamma tal-post in kwistjoni f'kundizzjoni xierqa da parti tas-socjeta' konvenuta;

Is-somma mitluba tinkludi wkoll l-ammont ta' mija hamsa u sebghin ewro (€175) mhallsa bhala *excess* mill-assikurat taht polza tat-tip '*Comprehensive*' mahrug mis-socjeta' assikurattrici attrici, li da parti taghha hallset il-bilanc rimanenti tad-danni;

Interpellata sabiex thallas permezz ta' ittra ufficjali datata 16 ta' April, 2013 is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri;

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' April, 2013 u bl-imghaxijiet sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa stess hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tas-socjeta' Seabank Hotel and Catering Limited (C-40319) prezentata fit-2 ta' Gunju, 2014 (fol 8 dok 'A') fejn biha qed tammetti t-talbiet kif dedotti fl-odjerna kawza.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa't-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf mija u disa' ewro u disa' u sebghin ewro centezmi (€1,109.79c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------